MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2021

Appell Numru 87/2020 LM

**MAPFRE Middlesea p.l.c. (C 5553) as subrogated in the rights of its insured, Daniel Azzopardi, by operation of law and under the insurance policy, as well as the same Daniel Azzopardi**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Paul Edgar Ellul (K.I. nru 492082M)**
*('l-appellant')*

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Paul Edgar Ellul (K.I. nru 492082M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], minn lodo arbitrali mogħti fit-3 ta' Diċembru, 2020, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta'

Malta [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'] fl-atti tal-Arbitraġġ numru M5497/2018, li permezz tiegħu ddeċida t-talba tas-soċjetà rikorrenti **MAPFRE Middlesea p.l.c. (C 5553)** kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Daniel Azzopardi, u anki l-istess **Daniel Azzopardi** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] kif ġej:

> *"Għalhekk u in vista tas-suespost, l-esponenti filwaqt li qed issib lill-intimat Paul Edgar Ellul unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li ġara fil-limiti tal-Imġarr fid 19 ta' Ġunju 2016 qed jikkundannah jħallas is-somma totali ta' €3,490.92 u dana in kwantu għas-somma ta' € 3,430.92 lill-kumpannija Rikorrenti assikuratrici u s-somma ta' €60.00 lill Daniel Azzopardi bħala rifużjoni tal-*excess *imħallas minnu flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tal-Ittra Uffiċjali tal-15 ta' Mejju 2018, kif wkoll l-ispejjes ta' dawn il-proċeduri u tal-Ittra Uffiċjali tal-15 ta' Mejju 2018.".*

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem 'l-inċident'] li seħħ fid-19 ta' Ġunju, 2016 f'Triq San Martin fil-limiti tal-Imġarr, Malta, bejn il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni THA 144 misjuqa mill-appellat Azzopardi u assikurata permezz ta' polza ta' assikurazzjoni *comprehensive* mas-soċjetà appellata, u r-rota misjuqa mill-appellant.

## Mertu

3. L-appellati istitwew proċeduri ta' arbitraġġ quddiem it-Tribunal permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fil-21 ta' Awwissu, 2018, fejn talbu sabiex l-appellant jiġi dikjarat unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni u għad-danni konsegwenzjali li ġarrab l-appellat, u sabiex id-danni

sofferti minn dan tal-aħħar jiġu likwidati fis-somma komplessiva ta' €3,490.92, liema somma l-appellant kellu jiġi kkundannat iħallas lill-appellat u dan flimkien mal-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Mejju, 2018, u l-imgħax legali fuq is-somma ta' danni reklamati dekorribbli mid-data ta' dik l-ittra uffiċjali.

4. L-appellant wieġeb permezz ta' Risposta ppreżentata fiċ-Ċentru fid-19 ta' Settembru, 2019, fejn issottometta li huwa ma kienx responsabbli għall-inċident inkwistjoni li seħħ unikament minħabba n-nuqqas ta' diliġenza, prudenza u attenzjoni tal-appellat li m'osservax ir-regolamenti applikabbli. Għalhekk it-talbiet tal-appellati kellhom jiġu miċħda.

**<u>Il-lodo arbitrali</u>**

5. It-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-lodo arbitrali li wassluh għad-deċiżjoni finali:

*"**<u>Konsiderazzjoni tal-Arbitru</u>**:*

*Dan l-arbitraġġ jirrigwarda inċident tat-traffiku li ġara fid-19 ta' Ġunju 2016 għall-ħabta tal-11:00am ġewwa Triq San Martin, limiti tal-Wardija/Imġarr bejn il-vettura tal-għamla Toyota numru ta' reġistrazjoni THA 144 misjuqa minn Daniel Azzopardi u assikurata mal-kumpannija assikutratriċi Rikorrenti u r-rota misjuqa mill-intimat Paul Edgar Ellul.*

*L-inċident ġara meta ż-żewġ vetturi kienu qed jinstaqu fid-direzzjoni opposta u l-intimat Paul Edgar Ellul kien ġej għan-niżla minn naħa tal-Wardija fuq ir-rota tiegħu f'Triq San Martin bl-intenzjoni li jdur fuq ix-xellug tiegħu għal ġo Triq Busewdien. Mill-banda l-oħra Daniel Azzopardi, is-sewwieq tal-vettura THA 144, kien tiela' 'l fuq, ġej min-naħa tal-Imġarr u sejjer fid-direzzjoni tal-Wardija.*

*Iż-żewġ sewwieqa spejgaw kif ġara dan l-inċident u dana ġie riprodott fix-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri kif wkoll fir-Rapport mogħti lill-Pulizija li nvestigaw il-kollizjoni (ara Dok BA). Tul l-aċċess kemm l-intimat, Paul Edgar Ellul, u Daniel Azzopardi spejgaw kif ġara l-inċident.*

*Ta' minn jinnota illi x-xhieda taż-żewġ sewwieqa dwar x'wassal għall-inċident kienet dejjem waħda konsistenti, u ċioe li Daniel Azzopardi dejjem sostna illi huwa kien qed isuq fil-*lane *tiegħu fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u li kien l-intimat li daħal fil-karreġġjata tiegħu; min-naħa l-oħra l-intimat qal illi huwa kien qed isuq lejn nofs it-triq u li meta ra l-vettura ta' Azzopardi ġejja mid-direzzjoni opposta huwa ipprova jieħu* evasive action *imma tilef il-kontrol tar-rota u ħabat mal-vettura.*

*Fix-xhieda tiegħu Daniel Azzopardi qal hekk:*

"Waqt li kont għaddej wara li kont ħriġt minn kisra fuq il-lemin tiegħi (dejjem kont fl-istess triq) rajt rota ġejja mill-faċċata tiegħi fuq il-lane tieghi. Dak il-ħin kien xi mitt metru jew ftit inqas 'il bogħod minni. Tar-rota kien fin-nofs tal-lane tiegħi u baqa' ġej fuqi, imma naqas milli pprova jikser lejn ix-xellug u wara intefa' fuq il-lemin".

*Daniel Azzopardi dejjem sostna illi huwa kien qed isuq fil-*lane *tiegħu:*

*"kont għaddej fuq in-naħa tat-triq tiegħi"*

*Paul Edgar Ellul fix-xhieda tiegħu għamel referenza għal Dok Y u Dok X (ippreżentati mill-intimat) u qal hekk fir-rigward tal-vettura immarkata bil-kulur blu:*

*"Naqbel mall-posizzjoni tal-vettura ta' Daniel (Dok Y) fil-mument tal-impatt".*

*Dan id-dokument juri l-posizzjoni tal-vettura ta' Daniel Azzopardi fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, u ċioe "*on its proper side of the road*".*

*Waqt l-aċċess Paul Edgar Ellul ikkonferma illi huwa kien qed isuq lejn nofs it-triq għax ried idur fuq ix-xellug tiegħu għal ġo Triq Busewdien, kif wkoll minħabba il-fatt illi f'Triq San Martin kien hemm fil-ġenb tat-triq tiegħu rampa ta' garage u tappiera. Ellul spejga wkoll illi huwa kien għaddej b'xi 40 kfs u billi faċċata tal-kisra li tagħti għal Triq Busewdien fejn ried imur, kien hemm xi żrar fit-triq u għalhekk kellu idur b'mod aktar leġġer u fit-tul.*

*Il-*Highway Code *huwa ċar dwar il-posizzjoni ta'* road users *meta jkunu qed jintużaw fit-triq, u ċioe illi kull mezz ta' trasport għandu jinsaq fuq in-naħa tax-xellug tat-triq – din ir-regola tapplika wkoll għal ċiklisti li bħal sewwieq ta' vettura huma wkoll soġġetti għar-regoli tal-*Highway Code:

"Always cycle on the left side of the road unless using a cycle lane that is clearly marked for 'two way' cycling".

*L-istess* Highway Code *jkompli jgħid illi ċiklista għandu*

Look all around before moving away from the kerb…. To make sure it is safe to do so. Give a clear signal to show other road users what you intend to do.

Look well ahead for obstructions in the road, such as drains, potholes and parked vehicles so that you do not have to swerve suddenly to avoid them.

*Fil-każ in eżami Paul Edgar Ellul ra l-vettura ta' Daniel Azzopardi ġejja mill-faċċata tiegħu u għalhekk kellu kull opportunità li jirrallenta l-ispeed tiegħu u jiġbed lejn ix-xellug tiegħu biex b'hekk kien ikun fuq in-naħa tajba tat-triq – mix-xhieda mogħtija miż-żewġ sewwieqa jidher illi dan ma sarx, tant hu hekk illi l-istess Paul Edgar Ellul meta tkellem ma' PS 1157 Bertly Aquilina wara l-inċident ammetta illi huwa kien "*tilef il-kontrol tar-rota tiegħu*" – ara Rapport tal-Pulizija, u sabiex jipprova jevita l-inċident ġibed lejn in-naħa tal-lemin tat-triq.*

*Fil-fehma tal-esponenti dan l-inċident ġara unikament tort u ħtija tal-intimat Paul Edgar Ellul, li apparti li ra l-vettura ta' Daniel Azzopardi ġejja mill-faċċata tiegħu meta din kienet xi ħamsin metru lura minnu, naqas b'ksur tar-regolamenti tas-sewqan milli iżomm fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, naqas milli jagħmel użu mill-brejkijiet tar-rota tiegħu u minflok "*in the agony of the collision" *kompla sejjer* wrong side *biex b'hekk ħabat* head on *fil-vettura ta' Daniel Azzopardi, li dak il-ħin kienet qed tinstaq fuq in-naħa tagħha tat-triq b'mod regolari.*

*Il-kumpannija Rikorrenti qed titlob bħala danni konsegwenza ta' dan l-inċident l-ammont ta' €3,430.92 u dana skont il-prospett immarkat bħala Dok SM ippreżentat u maħluf minn Sarah Micallef, liema prospett jikludi wkoll il-kontijiet tat-tiswija u* spareparts, survey report, *riċevuta tal-*excess *€60.00 imħallas minn Daniel Azzopardi.*

*Fix-xhieda tiegħu Steve Gauci, is-*surveyor *inkarigat mill-kumpannija Rikorrenti, ikkonferma li huwa kien għamel is-*survey report *fuq il-vettura numru THA 144 u li t-tiswija kienet saret minn Michael Debono Limited skont l-istess* survey. *Esebixxa wkoll Dok SG 1 li huwa is-*survey *u ritratti meħuda minnu ta' din l-istess vettura.*

*Fin-Nota ta' Sottommissjonijiet tiegħu l-intimat għamel referenza għall-posizzjoni fejn kienet il-ħsara fil-vettura ta' Daniel Azzopardi, u eskluda għal kollox illi il-vettura ta' Azzopardi sostniet ħsarat fuq wara. Fix-xhieda tiegħu is-*surveyor, *Steve Gauci qal hekk:*

Fir-rigward tal-bumper ta' wara hemm qasma (ara 6/6 immarkat). Mhiex ħsara kbira imma l-bumper irid jinbidel.

*Jekk issir referenza għar-ritratti eżebiti (Dok SG 1) ara ritratti 4/27, 5/27, 8/27, 22/27,24/27 u partikolarment 26/27 din il-ħsara tidher – għalhekk u minħabba li jidher ċar illi ħsara kien hemm fuq il-ġenb tal-bumper ta' wara, ix-xhieda ta' Steve Gauci ma' tistax tiġi skartata. Mill-provi prodotti mill-intimat, u nonostante dak li huwa eċċepixxa fir-Risposta tiegħu, ma nġabet hemm l-ebda prova jew kontestazjoni mill-intimat dwar l-ammont ta' €3,490.92 li qed jiġi mitlub mill-kumpannija Rikorrenti u Daniel Azzopardi, u dana in kwantu għas-somma ta' €3,430.92 lill-kumpannija Rikorrenti assikuratrici u s-somma ta' €60.00 lil Daniel Azzopardi bħala rifużjoni tal-*excess *imħallas minnu. Fix-xhieda tiegħu Daniel Azzopardi spejga fejn kienet il-ħsara fil-vettura tiegħu u din id-deskrizzjoni taqbel più o meno mas-*survey report *u ritratti ta' Steve Gauci.*

*Il-kontijiet eżebiti mill-kumpannija Rikorrenti jaqblu mas-Survey li sar minn Steve Gauci u għalhekk l-esponenti huwa tal-fehma illi l-ammont mitlub huwa korrett u għalhekk dovut."*

**<u>L-Appell</u>**

6. L-appellant ħass ruħu aggravat bil-lodo arbitrali u intavola appell quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Diċembru, 2020, fejn qed jitlob sabiex tilqa' l-aggravji tiegħu kif spjegati fir-rikors tal-appell tiegħu. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (i) it-Tribunal wasal għal konklużjoni żbaljata meta sab li huwa kien unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni; u (ii) it-Tribunal żbalja meta kkundanna lill-appellant sabiex iħallas id-danni li sofriet il-vettura tal-appellat fuq in-naħa ta' wara.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellat ippreżenta r-risposta tiegħu fit-8 ta' Jannar, 2021 fejn issottometta li l-lodo arbitrali huwa wieħed ġust, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u għaldaqstant għandu jiġi kkonfermat fl-intier tiegħu għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fit-tweġiba tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali, filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet tal-appellat kif magħmula fit-tweġiba tiegħu.

9. L-appellant jispjega li preliminarjament huwa jħossu aggravat bil-konklużjoni tat-Tribunal li qed jallega li hija waħda żbaljata, fejn it-Tribunal sab li huwa kien unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni. Jispjega li l-inċident seħħ f'dik il-parti ta' Triq San Martin, limiti tal-Imġarr/Wardija li hija liwja, jiġifieri *S-bend,* li kien ifisser li din hija *blind corner* irrispettivament fejn tkun ġej jew sejjer. Għalhekk it-Tribunal kien dovut jikkonsidra li l-appellat kellu xi ftit tal-ħtija għall-inċident inkwistjoni meta dan ammetta li huwa kien qed isuq b'veloċità ta' madwar ħamsin jew sittin kilometru fis-siegħa f'triq fil-kampanja, filwaqt li aċċetta wkoll li din kienet *S-bend.* L-appellant jiċċita l-paragrafi 273 u 274 tal-*Kodiċi tat-Traffiku* in sostenn tal-argument tiegħu, u anki s-sentenza fl-ismijiet **Geoffrey Spiteri *vs.* Saviour Galea et** deċiża mill-Qorti tal-Appell

(Superjuri).[1] Jirrileva li t-Tribunal kkonsidra biss il-veloċità tiegħu iżda mhux tal-vettura tal-appellat, meta minn imkien ma kien jirriżulta li huwa kien qed isuq b'madwar 40k.f.s. Jikkontendi wkoll li jekk kif qal it-Tribunal, huwa kien tenut inaqqas il-veloċità tiegħu, kemm aktar kellu jagħmel dan l-appellat li kien qed isuq b'50k.f.s. jew 60k.f.s., meta dan kien qed isuq vettura kbira u tqila li ċertament kienet tiżen aktar minn tunnellata. L-appellant jgħid li l-fatt li l-appellat stqarr li kien hemm biss ftit sekondi bejn il-ħin li fih huwa ra lill-appellant u dak li fih seħħ l-inċident, aktar jikkonferma kemm tassew l-appellat kien għaddej b'veloċità li għalkemm taħt il-massimu, xorta waħda ma kinitx prudenti fiċ-ċirkostanzi, u hawn huwa jgħaddi sabiex jagħmel riferiment għal diversi sentenzi tal-qrati in sostenn tal-argument tiegħu. L-appellant jispjega li hekk kif huwa kien qed isuq ir-rota tiegħu f'Triq San Martin sabiex jikser għal Triq Busewdien, huwa sab ħafna żrar u ġebel fit-triq u mingħajr għażla ta' xejn huwa kien kostrett li ma jibqax fil-karreġġjata tax-xellug, u kien proprju f'dak il-ħin li huwa lemaħ il-vettura tal-appellat. L-appellant jgħid illi hawn it-Tribunal għamel żball meta għamel enfażi żejda fuq l-ammissjoni tiegħu li huwa kien tilef il-kontroll tar-rota tiegħu, għaliex fiċ-ċirkostanzi dan kien normali. Jirrileva li għalkemm il-ġurisprudenza kienet tgħallem li f'każ ta' konflitt ta' provi għandu jingħata aktar piż lil dik il-verżjoni mogħtija *a tempo vergine,* dan ma setax japplika fil-każ odjern, fejn huwa kien mifxul u muġugħ b'sieqa miksura. Dwar it-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jissottometti li x-xhud Sarah Micallef li kienet il-*claims handler* tas-soċjetà appellata, kienet straħet biss fuq dak li qalilha s-*surveyor* Steve Gauci. Jissottometti wkoll li s-soċjetà appellata kienet kellmet

[1] Deċiża fit-23.11.2020.

biss lill-assikurat tagħha iżda mhux lill-appellant. Għalhekk ma saret l-ebda verifika dwar il-ħsarat fil-vettura tal-appellat. Jikkontendi li s-*surveyor* ma kienx preżenti għall-inċident u għalhekk ma setax jivverifika liema kienu l-ħsarat ikkawżati minn dak l-inċident u dawk li kienu preżenti minn qabel. L-appellat stess qatt ma qal li kien hemm xi ħsara fuq in-naħa ta' wara. Għalhekk it-Tribunal ma setax fl-għama jiddeċiedi li l-appellant kellu jagħmel tajjeb għad-danni kollha, u dan filwaqt li ċċita sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Absolute Services Limited *vs.* Stefan Darmenia** deċiża fil-11 ta' Novembru, 2020.

10. L-appellati jilqgħu qabelxejn billi jissottomettu li l-appellant hawn qed jallega li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi, u dan meta huwa prinċipju fundamentali ta' din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni, li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ġudikant tal-ewwel istanza jekk mhux għal raġunijiet serji u gravi u sabiex b'hekk tevita inġustizzja manifesta. Fil-każ odjern l-appellati jsostnu li t-Tribunal għamel evalwazzjoni eżawrjenti fejn hu sema' lill-partijiet jixhdu *viva voce* u anki mar fuq il-post tal-inċident. L-appellati jirrilevaw li kuntrarjament għal dak li qed isostni l-appellant, Triq San Martin ma kinitx *country lane* iżda triq normali b'wisa' li kienet tippermetti żewġ vetturi jimxu liberament f'direzzjoni opposta għal xulxin, u dan ikkostatah it-Tribunal fuq il-post. Jirrilevaw li r-regoli applikabbli għall-utenti tat-triq kienu wkoll applikabbli għal ċiklisti. Ikomplu jispjegaw li t-triq kienet tippermetti viżwali tajba, u meta l-appellant stqarr li huwa ma setax jara lill-appellat ġej, dan kien biss ħtija tan-nuqqas ta' *proper lookout* da parti tiegħu meta r-responsabbilità tiegħu kienet akbar fid-dawl tal-fatt li huwa ma kienx qed isuq fuq in-naħa tiegħu tat-triq. Dan filwaqt li jirriżulta b'mod ċar li l-appellat kien qed isuq fil-karreġġjata tiegħu u

b'hekk skont ir-*rule of the road.* L-appellati jikkontendu li l-appellant ma kellux xkiel sabiex isuq fuq in-naħa tiegħu tat-triq, u għalhekk it-Tribunal kien korrett fil-konklużjoni tiegħu li l-appellant ma kellux jidħol fil-karreġġjata l-oħra sabiex jevita ż-żrar jekk kien hemm, u li huwa kien tenut isuq fuq in-naħa tiegħu tat-triq filwaqt li jnaqqas mill-veloċità. L-appellati jgħidu li l-allegata veloċità tal-appellat ma tistax waħedha twassal għar-responsabbiltà tal-inċident, għaliex wieħed għandu jħares lejn il-kawża prossima immedjata tiegħu. Dan filwaqt li huma ċitaw minn diversi sentenzi tal-qrati u anki minn awturi esteri in sostenn tal-argument tagħhom, u jagħlqu billi jissottomettu li kienet proprju l-manuvra errata tal-appellant li wasslet għall-inċident in kwistjoni. Dwar it-tieni aggravju li ressaq l-appellant, l-appellati jispjegaw li meta l-appellant waqa' fuq in-naħa ta' wara tal-vettura misjuqa mill-appellat, saret ħsara fuq il-ġenb tagħha u fuq ix-xellug. Filwaqt li jagħmlu riferiment għall-provi li fil-fehma tagħhom huma konklussivi, jissottomettu li l-appellant min-naħa tiegħu ma ressaq l-ebda prova sodisfaċenti sabiex jikkonfuta l-istess provi.

11. Il-Qorti tikkonsidra li t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Wara li qies il-verżjonijiet rispettivi li taw il-partijiet dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-inċident, u anki l-pożizzjoni rispettiva tagħhom fit-triq qabel u fil-ħin tal-imsemmi inċident, it-Tribunal osserva li Dok. Y kien jirrifletti l-pożizzjoni tal-vettura tal-appellat fuq in-naħa tax-xellug tat-triq li kienet *"on its proper side of the road".* Imbagħad it-Tribunal qal li waqt l-aċċess l-appellant ikkonferma li huwa kien qed isuq lejn nofs it-triq għaliex ried idur għal fuq ix-xellug tiegħu għal ġo Triq Busewdien, iżda anki għaliex mal-ġenb tat-triq kien hemm rampa ta'

garaxx u tappiera u saħansitra xi żrar.[2] Il-Qorti tgħid li ma jidhirx li dawn il-fatti qed jiġu kkontestati mill-appellant. Iżda l-appellanti jikkontendi li ma kien jirriżulta minn imkien li huwa kien għaddej b'veloċità ta' 40k.f.s. skont kif ikkostata t-Tribunal. Filwaqt li taċċetta din is-sottomissjoni tiegħu, il-Qorti tqis opportun li hawn tittratta l-kwistjoni tal-veloċità tal-vettura tal-appellat fil-ħin tal-inċident, li l-appellant qed jallega li kkontribwit għall-akkadut. Skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna[3], huwa biss fejn il-veloċità eċċessiva tkun il-kawża prossima tal-inċident inkwistjoni li s-sewwieq jitgħabba b'responsabbilità anki kontributorja għal dak l-inċident. Fil-każ odjern minn imkien ma jirriżulta li l-appellat kien qed isuq b'veloċità eċċessiva anki meħuda b'mod relatat għaċ-ċirkostanzi li fihom seħħ l-inċident. L-appellant fix-xhieda tiegħu ma kellu xejn xi jgħid fir-rigward, u lanqas ma jirriżulta minn imkien li l-vettura tal-appellat ħalliet warajha fit-triq xi marki tal-brejkijiet. Għalhekk mill-provi ma tista' tirriżulta l-ebda kontributorjetà min-naħa tar-rikorrent.

12. It-Tribunal jagħmel riferiment siewi ferm għal dak li jipprovdi l-Kodiċi tat-Traffiku fir-rigward ta' fejn għandha tinstaq rota fit-triq, jiġifieri fuq in-naħa tax-xellug, u li kellu jiġi assigurat mis-sewwieq tar-rota li ma kien hemm l-ebda perikolu f'każ li huwa ried jaqla' 'l barra minn mill-bankina. Jiċċita wkoll korrettement dak il-paragrafu li jipprovdi sabiex sewwieq jieħu ħsieb li jfittex għall-ostakoli fit-triq quddiemu bħalma huma *drains*, ħofor u vetturi pparkeġġjati sabiex b'hekk ma jkunx hemm il-bżonn li jbiddel id-direzzjoni

[2] Ara ritratt Dok. PE1 fejn fit-tarf tat-triq fuq ix-xellug tidher il-fetħa u anki warajha minn fejn wieħed jidħol għal Triq Busewdien.

[3] Ara App.Inf. **Dottor Remigio Zammit Pace noe et vs. Carmen Grima,** 16.05.97*;* App Inf. **Dottor Remigio Zammit Pace noe *vs.* George Despott,** 24.02.97 u aktar riċenti App.Inf. 88/18 **Nicholas Farrugia *vs.* Paula Jean Vella**, 24.02.21.

tiegħu b'mod maħsud. Ikkonsidra li l-appellant kien ra lill-vettura tal-appellat u għalhekk kellu l-opportunità li jnaqqas il-veloċità u jiġbed lejn ix-xellug u b'hekk jibqa' fuq in-naħa tiegħu tat-triq. Il-Qorti tikkondividi din il-fehma tat-Tribunal u żżid tgħid li kienet pjuttost il-veloċità tal-appellant li kkontribwiet għall-inċident inkwistjoni, għaliex huwa u nieżel in-niżla sabiex jaqbad Triq Busewdien, l-appellant ħalla r-rota tiegħu teċċedi l-limiti tal-veloċità fejn din setgħet tiġi kkontrollata faċilment, inkluż permezz ta' waqfa f'ċirkostanzi diffiċli kif huwa kien allegatament rinfaċċjat bihom. Minn dak li qalu ż-żewġ sewwieqa, it-Tribunal stqarr li dan ma sarx u osserva li l-appellant saħansitra ammetta ma' PS 1157 Bertly Aquilina li huwa kien *"tilef il-kontroll tar-rota tiegħu",* u sabiex jevita l-inċident huwa kien ġibed lejn il-lemin tat-triq. B'hekk it-Tribunal ddikjara li fil-fehma tiegħu l-inċident seħħ unikament tort u ħtija tal-appellant, filwaqt li l-appellat kien qed isuq il-vettura tiegħu b'mod regolari. Il-Qorti hawn tirrileva li l-appellant fix-xhieda tiegħu jsostni li huwa ma setax jara lill-appellat ġej għaliex huwa kien qed isuq f'*blind corner,* imma ċertament ma tistax taċċetta bħala preċiż dak li qal għaliex kif jirriżulta minn Dok. Y u Dok. X u anki min-notamenti tat-Tribunal tal-aċċess li sar fit-28 ta' Lulju, 2020, dik il-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident inkwistjoni tagħti viżwali tajba u ma fiha l-ebda *blind corner*.

13. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-appellant mhux ġustifikat, u tiċħdu.

14. Dwar it-tieni aggravju, it-Tribunal għaraf li l-appellant fin-nota ta' sottomissjoni tiegħu kien qed jikkontesta l-ħsarat li kien hemm fuq in-naħa ta' wara tal-vettura tal-appellat. Ikkonkluda li x-xhieda tas-*surveyor* Steve Gauci,

fejn dan ikkonferma li l-*bumper* kien sofra ħsara u għalhekk ried jinbidel, ma setgħetx tiġi skartata għaliex il-ħsara kienet fil-fatt tirriżulta mir-ritratti esebiti u kif elenkati minnu. Osserva li min-naħa tiegħu l-appellant ma ġab l-ebda prova jew kontestazzjoni dwar l-ammont reklamat ta' €3,490.92. It-Tribunal irrileva li l-appellat fix-xhieda tiegħu spjega fejn kienet il-ħsara fil-vettura tiegħu, u qal li d-deskrizzjoni kienet taqbel più o meno mal-kontenut tas-*survey report* u mar-ritratti tas-*surveyor* Steve Gauci. L-appellant qed jikkontesta dawn id-danni għaliex huwa jsostni li l-impatt seħħ fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura tal-appellat. Iżda l-Qorti tgħid li r-ritratti tas-*survey report* juru mod ieħor u saħansitra tidher sew il-ħsara almenu sal-*mudguard* tax-xellug ta' quddiem, u għalhekk faċilment taċċetta li l-ħsara fil-*bumper* ta' wara saret meta l-appellant tar minn fuq ir-rota u waqa' n-naħa ta' wara tal-vettura kif xehed l-appellat. L-istess ħsara hija evidenti mir-ritratt Dok. PE 2 meħud fuq il-post tal-inċident, li wkoll juri kif il-partijiet spiċċaw skont dak li l-appellant stess stqarr fil-kontroeżami tiegħu.

15. Għaldaqstant il-Qorti ma ssib dan l-aggravju wkoll mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-appellati, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellant u tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**